SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville

## Laqgħa Nru. 23/KA2/16

Data: 13 t'Ottubru 2016

Ħin: 4.00p.m.

Post: L-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan

---

Preżenti: Albert Bonello Ghio – Ċermen
Michael La Rosa - Viċi Ċermen
Maria Dolores Falzon - Membru
Richard Scicluna – Membru
Guido Dalli - Sindku
Paul Spiteri - Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech - Skrivana

Skużati: (1) Joseph Oliva - Membru (Inc. P395/16)

Assenti: (0)

---

### AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni miċ-Ċermen;
4. Korrispondenza;
5. *Master Plan* ta' Paceville
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;
7. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
8. Aġġornament.

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Minuti – *22/KA2/16***

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

1.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 22/KA2/16 għall-approvazzjoni.

1.02 Inġibdet l-attenzjoni li għandha ssir korrezzjoni fil-Minuti 22/KA2/16 sabiex 3.04 tiġi korretta minn Triq Gort għall Triq Ball. Minn dan il-punt ħareġ ukoll li għandha ssir camera temporanja għall tlett xhur fi Triq San Ġorġ kantuniera ma' Triq Ball.

1.03 Il-Viċi-Ċermen Michael La Rosa ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 22/KA2/16.

1.04 Il-Membru Richard Scicluna ssekondah.

1.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Punti mqajjma mill-Minuti**

2.01 Ma kienx hemm punti mqajjma.

**3 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

3.01 Iċ-Ċermen qajjem il-punt fir-rigward problema li hemm fil-kantuniera ta' Triq Spinola ma' Triq il-Knisja, għaldaqstant ġie deċiż li għandhom jitneħħew ż-żewġ parking spaces li hemm u jsir *double yellow line* minflok, filwaqt li għandha ssir mera minħabba li qed jinħolqu diversi aċċidenti.

3.02 Għandha tintbagħat ittra lil Portomaso minħabba l-ilma li qed ikun hemm nieżel mar-roundabout ta' Portomaso għal Triq il-Knisja b'konsegwenza li qed ikun hemm vetturi jiskidjaw speċjalment muturi.

**4 Korrispondenza**

4.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

P395 Ittra mingħand l-Membru Joe Oliva dwar nuqqas t'attendenza għal-laqgħa ta' Ottubru 2016

6457 Email minghand is-Sur Ramon Deguara mill-Cleansing Service Directorate fir-rigward għas-servizz biex jitnaddaf Paceville.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. P395**

4.02 B'riferenza għall-korrispondenza tal-Membru Joe Oliva dwar in-nuqqas t'attendenza għal-laqgħa t'Ottubru 2016, ġie deċiż unanimament li jiġi skużat.

**Rif. Nru. 6457**

4.03 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Ramon Deguara mill-*Cleansing Service Directorate.* Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din l-email tintbagħat lid-Direttur tal-Dipartiment għall-Gvern Lokali s-Sur Adrian Mifsud, lill-Ministru tat-Turismu l-Onor Dr. Edward Zammit Lewis u lill-Ministru tat-Transport l-Onor. Joe Mizzi.

**5 *Master Plan* ta' Paceville**

5.01 Il-Kumitat ġie nfurmat li fis-27 ta' Ottubru 2016 fl-4.00p.m. ser issir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill il-Perit Anthony Bezzina sabiex jiġi diskuss aktar fid-dettal il-*Master Plan* ta' Paceville. Għal din il-laqgħa ser ikunu mistiedna wkoll il-membri tal-Kumitat Amministrattiv.

**6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet minn nru. P450 sa nru. P459 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A')

6.02 Il-Viċi Ċermen Michael La Rosa ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

6.03 Il-Membru Richard Scicluna ssekondah.

6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**7 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

7.02 Il-Membru Maria Dolores Falzon astjeniet minħabba li ma tridx li tieħu responsabilita' fuq il-pagamenti u minħabba li għandha d-dubju fuq il-kwalita' tax-xogħol.

7.03 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

7.04 Il-Membru Richard Scicluna ssekondah.

7.05 Il-pagamenti ġew approvati.

**8. Aġġornament**

8.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 17 ta' Novembru 2016 fl-4.00p.m.

8.02 Il-laqgħa ntemmet fil-5.00p.m.

**Albert Bonello Ghio**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

Data: **17 ta' Novembru 2016**